**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**
**Seduta tal-Kolliżjonijiet**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Keith Agius**

**Illum, 17 ta' Settembru 2018**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat Keith Agius, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 507187M gie akkużat:

Talli fi 15 t' Ottubru 2016 ghall-habta ta' 21:10 hrs fi Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha, saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BUS 823;

*1.* U b' nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma vettura Nru. JPA040 w involontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' Jean Pierre Abela;
*2.* U meta kien involut f'inċident tat-traffiku ma' vettura nru JPA040 naqas li jieqaf;
*3.* Kif ukoll meta kien meħtieġ naqas li jagħti l-partikolarijiet tiegħu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-liġi u/jew naqas li jirraporta l-imsemmi inċident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali;.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-Qorti:

Rat id-dokumenti ezebiti mill-Prosekuzzjoni konsistenti fi:-
1. Affidavit ta' PS 1026 Brendon Gauci flimkien mad-dokumenti annessi mieghu; u
2. Affidavit ta' PC 109 Nathan Theuma.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Qorti hekk kif diversament ippreseduta.

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni ta' l-partijiet.

Rat l-artikoli MVR 67(1)(5), L.S. 65.11 u Art. 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat;**

Min-naħa l-waħda, Jean Pierre Abela kif ukoll Jacqueline Abela xehdu li l-imputat laqat il-vettura ta' l-istess Jean Pierre Abela bin-numru ta' registrazzjoni JPA 040 u li minkejja li l-istess Jean Pierre Abela mar jigri wara l-vettura misjuq mill-imputat, l-imputat ma waqafx u baqa' sejjer. Per konsegewenza, il-vettura proprjeta' ta' Jean Pierre Abela garrbet hsarat fil-mera tan-naha tax-xufier u fil-mudguard ta' wara tan-naha tax-xufier. L-ufficjal tal-pulizija PC 109 Nathan Theuma kkonferma li ra l-hsara li garrbet l-vettura proprjeta' ta' Jean Pierre Abela.

Mill-banda l-ohra, l-intimat ċahad li laqat il-karozza jew li gie msejjah minn Jean Pierre Abela. Sostna li huwa gie nfurmat mill-ghassa jiem wara li sehh l-allegat incident.

**Ikkunsidrat;**
Dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqies li mix-xhieda migbura, jezistu provi bizzejjed illi sehh impatt bejn il-vettura misjuqa mill-imputat bin-numru ta' registrazzjoni BUS 823 u l-vettura proprjeta' ta' Jean Pierre Abela bin-numru ta' registrazzjoni JPA 040. Jirrizulta wkoll li l-vettura proprjeta' ta' Jean Pierre Abela kienet wieqfa u minkejja li l-istess Abela gibed l-attenzjoni ta' l-imputat sabiex joqghod attent biex ma jolqotx il-vettura JPA 040, l-imputat ghadda rimarka fis-sens li huwa ilu jsuq vetturi kbar u qala' bis-sahha bil-konsegwenza li sehh l-impatt.

Il-Qorti izda tinnota li ma ġiet prodotta l-ebda evidenza tal-entita` tal-ħsarat allegatament inflitti. Madanakollu, in linea ma' dak sottolinjat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. S. Micallef) Vs Justin Vassallo</u>**; fil-kamp tad-danni involontarji, l-artikolu 328 (d) tal-Kodici Kriminali ma jaghmel ebda distinzjoni bejn il-valur tad-danni kagjonati u l-prova tal-ammont tal-hsara kagjonata mhux importanti w lanqas hu mehtieg li jigi pruvat. Bizzejjed li tkun irrizultat xi hsara, zghira kemm hi zghira w f' dan il-kaz din il-Qorti hi altru milli sodisfatta sal-grad tac-certezza morali li bilfors xi hsara irrizultat mill-impatt li sehh.

Dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni, din il-Qorti tirrileva li l-imputat ma ndunax b' dak li kien sehh u kien ghalhekk li baqa' sejjer. F' cirkostanzi simili, din il-

Qorti hekk kif diversament preseduta fis-sentenza taghha tat-12 ta' Mejju, 2015 fl-ismijiet **Pulizija vs Philip Bajada** ddecidiet li tali imputazzjoni ma tirrizultax f' kaz li l-imputat ma jkunx induna b' dak li sehh u baqa' sejjer.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi fuq spjegati, wara li rat l-artikoli MVR 67(1)(5), L.S. 65.11; din il-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u t-tielet akkużi billi dawn ma jirriżultawx u konsegwentement tilliberah minnhom, iżda ssibu hati tal-ewwel akkuża, u wara li rat l-Artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat għal multa ta' mitt Ewro (€100).

| | |
|---|---|
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |
| **Dr Simone Grech LL.D.** | **Karen Falzon** |